KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 35 (b'urġenza)** **IS-SITT KUNSILL**

Il-ħamsa u tletin seduta (b'urġenza) tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-**Ġimgħa 29 ta' April, 2011** fis-6 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi u l-Kunsilliera Marianne Aquilina, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, Nicolai Gauci u Patrick Pace.

**APOLOĠIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))**

Il-Viċi Sindku Cyrus Engerer, il-Kunsilliera Yves Cali, Martin Debono, Nikki Dimech u Julian Galea avżaw li ma setgħux jattendu minħabba raġunijiet personali.

Il-Kunsill ikkunsidra l-apoloġija tal-Viċi Sindku u l-Kunsilliera msemmija bħala raġonevoli.

**UFFIĊĊJALI PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi u l-*Assistant Principal* Stefania Friggieri.
Is-Sur Christian Vella

Is-seduta kienet ippreseduta mis-Sindku.

*Qabel mal-Kunsill għadda biex jiddiskuti item 1 kif imressaq fl-Aġenda, is-Sindku pproponiet li li ssir quddiesa fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan.*

**1. Approvazzjoni tal-aġġustamenti għar-Rendikont Finanzjarju**

1.1 Is-Sindku talbet lis-Sur Vella biex jispjega l-aġġustamenti għar-Rendikont Finanzjarju mitluba mill-awdituri għas-sena finanzjarja Jannar sa Diċembru 2010 (DOK 'A' mehmuż).

1.2. Is-Sur Vella qal li l-ewwel aġġustament kien dak dwar l-onorarja tas-Sindki. Dan kien minħabba li l-*allowance* tas-Sindku tinħadem b'perċentaġġ mill-onorarja tal-membri parlamentari. Wara d-deċiżjoni li l-membri parlamentari ma jieħdux iż-żieda d-Dipartiment Gven Lokali ħareġ Memo dwar ir-reviżjoni għal onorarja tas-Sindki fejn il-Kunsill ġie nfurmat li dawk is-Sindki li kienu laħqu ħadu l-*allowance* żejda kellh titnaqqsilhom mill-*allowances* tagħhom.

1.2.1. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera preżenti li s-Sindku J. Gonzi tirrifondi l-allowance żejda mill-onorarja ta' kull xahar filwaqt li l-arretrati li ngħataw lis-Sindku preċedenti N. Dimech jitnaqqsu mill-*allowance* li jingħata kull sitt xhur.

1.3 Aġġustament ieħor kien li l-Kunsill ingħata EUR6000 mid-Dipartiment Gvern Lokali mill-iskema maħruġa mill-Gvern Ċentrali għal organizzazzjoni ta' attivitajiet mill-Kunsilli Lokali.

1.4 Is-Sur Vella informa lill-Kunsill li aġġustament ieħor kien dwar il-kredituri prinċipalment Polidano Bros minħabba li waqt li kien għaddej l-awditjar tal-kotba tal-Kunsill il-Kunsill kien għad irid jirċievi iċ-ċertifikazzjoni mill-Perit tal-Kunsill għal xogħlijiet fit-toroq li kienu jammontaw għal Eur22,400.

1.5 Is-Sindku pproponiet li jiġu approvati dawn l-aġġustamenti għar-Rendikont Finanzjarju. Il-Kunsilliera S. Camilleri issekondat.

1.5.1 Il-Kunsillieri E. Cuschieri u P. Pace ivvotaw favur.

1.5.2 Il-Kunsilliera M. Aquilina u N. Gauci astjenew.

1.5.3 Il-Kunsillier N. Gauci qal li jixtieq jikkwalifika l-vota tiegħu u li kien qiegħed jastjeni minħabba li l-awdituri ġibdu l-attenzjoni dwar donazzjoni li saret mill-Kunsill fil-bidu tas-sena 2010

1.5.4 Is-Sindku qalet li riedet tiċċara li fit-terminu tagħha ma saret l-ebda donazzjoni

1.5.5 Il-proposta għaddiet b'erba' (4) voti favur.

**Is-seduta ntemmet fis-6.30 ta' filgħaxija**

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**

Minuti approvati llum ..................... ta' ............... 2011.
(jum) (data) (xahar)